A.L. 314 ta' l-2004

ATT DWAR L-AWTORITA' MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

Regolamenti ta' l-2004 dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Passiġġieri u Merkanzija għal Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(aa) ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Passiġġieri u Merkanzija għal Għawdex.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2004.

Nollijiet għal passiġġieri u vetturi.

2. (1) In-nollijiet li jitħallsu minn passiġġieri u vetturi għall-vjaġġ miċ-Ċirkewwa jew Sa Maison, Malta, għall-Imġarr, Għawdex, jew lura, għandhom ikunu dawk murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) In-nollijiet li jitħallsu għar-rigward ta' xi skema ta' inċentivi għall-vjaġġ miċ-Ċirkewwa, Malta, għall-Imġarr, Għawdex, jew lura, għandhom ikunu dawk murija fit-Tieni u t-Tielet Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

Nollijiet għal vetturi kummerċjali.

3. In-nollijiet li jitħallsu fuq vetturi kummerċjali u, jew vetturi oħra li jidħlu fil-parametri mogħtija fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għall-vjaġġ miċ-Ċirkewwa jew Sa Maison, Malta, għall-Imġarr, Għawdex, jew lura, għandhom ikunu dawk murija fl-imsemmija Skeda.

Identità ta' resident f'Għawdex u ċittadin anzjan.

4. Passiġġier jista' jintalab juri l-Karta ta' l-Identità tiegħu jew tal-Karta Anzjan fil-waqt tal-ħruġ tal-biljett jew f'kull waqt ieħor ta' l-imbarkar tiegħu fuq il-vapur jew matul il-vjaġġ sabiex tkun tista' tiġi stabbilita l-identità tiegħu bħala residenti f'Għawdex jew bħala ċittadin anzjan rispettivament.

Wiri tal-biljett.

5. Passiġġier jista' jintalab juri l-biljett tiegħu meta jintalab jagħmel dan minn uffiċjal awtorizzat, sabiex jivverifika u jispezzjona l-biljetti u l-validità tagħhom, u f'każ ta' nol sussidjat, l-eliġibilità tal-passiġġier, kemm qabel ma jitla' abbord il-vapur u, jew filwaqt li jkun abbord dak il-vapur:

Iżda għall-skopijiet ta' dawn ir-regolamenti, uffiċjal awtorizzat għandu jfisser dak l-uffiċjal ta' l-operatur hekk imqabbad mill-Gvern ta' Malta biex jopera dan is-servizz, jew uffiċjal pubbliku ieħor hekk nominat mill-Ministeru tal-Kompetittività u l-Komunikazzjoni.

Tagħbijiet kummerċjali.

6. It-tagħbijiet fuq il-vetturi kummerċjali ma għandhomx jeċċedu l-kapaċità reġistrata tal-vettura u, jew *axle-weight* li jeċċedi 13-il tunnellata.

Revoka ta' A.L. 13 ta' l-1997.

7. Ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex, huma b'dawn revokati.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2(1))

		Tariffi għal vjaġġ bir-ritorn - 1 ta' Ġunju 2004	Tariffi għal vjaġġ bir-ritorn - 1 ta' Ġunju 2005	Tariffi għal vjaġġ bir-ritorn - 1 ta' Ġunju 2006
1.	**Nol *Standard* għal Passiġġier** Dan in-nol japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk ir-residenti permanenti f'Għawdex u detenturi tal-Karta Anzjan.	Lm 2.00	Lm 2.00	Lm 2.00
2.	**Nol *Standard* ta' Bil-lejl għal Passiġġier** Dan in-nol japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk ir-residenti permanenti f'Għawdex u detenturi tal-Karta Anzjan, li jivvjaġġaw mill-Mġarr, Għawdex wara t-tmienja ta' filgħaxija u qabel l-ewwel vjaġġ ta' filgħodu li jidher fuq nett fil-kolonna tat-Tluq fl-Iskeda tal-Vjaġġi pubblikata mill-Kumpannija bejn ix-xhur ta' Novembru u Marzu.	Lm 1.75	Lm 1.75	Lm 1.75
3.	**Nol Sussidjat għal Passiġġier Residenti f'Għawdex** Dan in-nol japplika għal residenti permanenti f'Għawdex.	Lm 0.50	Lm 0.50	Lm 0.50
4.	**Nol Sussidjat għal Passiġġier Anzjan** Dan in-nol japplika għad-detenturi kollha tal-Karta Anzjan.	Lm 0.75	Lm 0.75	Lm 0.75
5.	**Nol għat-Tfal** Dan in-nol japplika għat-tfal kollha minn 3 sa 12-il sena.	Lm 0.50	Lm 0.50	Lm 0.50
6.	**Nol *Standard* għal Karozza u Sewwieq** Dan in-nol japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk ir-residenti permanenti f'Għawdex u detenturi tal-Karta Anzjan.	Lm 6.25	Lm 6.50	Lm 6.75

7.	**Nol *Standard* ta' Bil-lejl għal Karozza u Sewwieq** Dan in-nol japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk ir-residenti permanenti f'Għawdex u detenturi tal-Karta Anzjan, li jivvjaġġaw mill-Mġarr, Għawdex wara t-tmienja ta' filgħaxija u qabel l-ewwel vjaġġ ta' filgħodu li jidher fuq nett fil-kolonna tat-Tluq fl-Iskeda tal-Vjaġġi pubblikata mill-Kumpannija bejn ix-xhur ta' Novembru u Marzu.	**Lm 5.00**	**Lm 5.25**	**Lm 5.50**
8.	**Nol Sussidjat għal Karozza u Resident f'Għawdex** Dan in-nol japplika għall-passiġġier li jkun residenti permanenti f'Għawdex u li jivvjaġġa bil-karozza.	**Lm 3.00**	**Lm 3.25**	**Lm 3.50**
9.	**Nol Sussidjat għal-Karozza u Sewwieq detentur tal-Karta Anzjan** Dan in-nol japplika għad-detenturi kollha tal-Karta Anzjan.	**Lm 5.00**	**Lm 5.25**	**Lm 5.50**
10.	**Nol *Standard* għal *Motor-Cycle* u Sewwieq**	**Lm 3.50**	**Lm 3.50**	**Lm 3.50**
11.	**Nol ta' Bil-lejl għal *Motor-Cycle* u Sewwieq** Dan in-nol japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk ir-residenti permanenti f'Għawdex, li jivvjaġġaw mill-Mġarr, Għawdex wara t-tmienja ta' filgħaxija u qabel l-ewwel vjaġġ ta' filgħodu li jidher fuq nett fil-kolonna tat-Tluq fl-Iskeda tal-Vjaġġi pubblikata mill-Kumpannija bejn ix-xhur ta' Novembru u Marzu.	**Lm 3.00**	**Lm 3.00**	**Lm 3.00**
12.	**Nol Sussidjat għal *Motor-Cycle* u Sewwieq Residenti f'Għawdex** Dan in-nol japplika biss għal residenti permanenti f'Għawdex.	**Lm 2.00**	**Lm 2.00**	**Lm 2.00**
13.	**Nol *Standard* għal *Bicycle***	**Lm 0.50**	**Lm 0.50**	**Lm 0.50**
14.	**Nol - Servizz ta' bil-lejl għall-Passiġġieri biss** Dan in-nol, li huwa fuq bażi ta' *single way,* japplika għall-passiġġieri kollha li jaqsmu bejn iċ-Ċirkewwa, Malta, u l-Imġarr, Għawdex, u viċi versa, bejn is-01:30 u l-04:30 ta' filgħodu waqt li l-Kumpannija tkun qed topera bl-iskeda tax-xitwa.	**Lm 3.00**	**Lm 3.00**	**Lm 3.00**

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 2(2))

Skema Għal Passiġġieri Frekwenti

L-Iskema għal Passiġġieri Frekwenti toffri lill-passiġġieri l-għażla li jixtru għadd ta' biljetti għal vjaġġi bir-ritorn b'prezz ridott, li għandhom jiġu ulilizzati fiż-żmien speċifikat fit-tabella li tidher hawn aktar 'l isfel.

Passiġġier				Passiġġier u Vettura *Standard* *			
Skema	Numru ta' Vjaġġi	Prezz Lm	Żmien Biex Jintużaw	Skema	Numru ta' Vjaġġi	Prezz Lm	Żmien Biex Jintużaw
1	52	46	Sena	9	52	156	Sena
2	40	44	Sena	10	40	140	Sena
3	30	40	Sena	11	30	127	Sena
4	20	30	6 xhur	12	20	100	6 xhur
5	15	24	6 xhur	13	15	78	6 xhur
6	12	20	3 xhur	14	12	66	3 xhur
7	8	14	3 xhur	15	8	46	3 xhur
8	5	9	6 ġimgħat	16	5	30	6 ġimgħat

* Sa ħames metri tul

Regolamenti li jkollhom x'jaqsmu ma' din l-iskema jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Kumpannija.

Kull bejgħ li għandu x'jaqsam ma' din l-iskema jista' jiġi mitmum għad-diskrezzjoni tal-Kumpannija.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 3)

Skema 'Għawdex Bil-lejl'

L-Iskema 'Għawdex Bil-lejl' tipprovdi għall-bejgħ ta' 'biljett kumulattiv' u li jista' jinxtara biss mill-kabbana tal-biljetti fiċ-Ċirkewwa, Malta.

Il-biljett jiswa Lm 4 għal karozza (ta' inqas minn 5 metri tul) inkluż is-sewwieq u tliet passiġġieri li jakkumpanjawh, jew bil-prezz ta' Lm 3 għal massimu ta' erba' persuni li jivvjaġġaw flimikien bil-mixi. Id-detenturi tal-biljetti jkollhom jedd għal passaġġ bir-ritorn sakemm huma jitilgħu abbord il-vapur mill-Mgarr, Għawdex bejn 10.00 pm ta' l-istess ġurnata u l-04.30 ta' l-għada fil-għodu. Dan in-nol japplika wkoll meta dawn jaqsmu lejn Malta bis-servizz ta' bil-lejl għall-passiġġieri biss, meta l-Kumpannija tkun qed topera bl-iskeda tax-xitwa.

Jitħallas l-istess nol ukoll jekk l-għadd ta' passiġġieri fil-grupp ikun inqas minn erbgħa (4). Il-biljetti jkunu validi bejn it-Tnejn u l-Ħamis biss (ma jgħoddux il-btajjel pubbliċi). Ma jingħatawx flus lura għal dawk il-biljetti li ma jiġux użati. Jekk ikun hemm passiġġieri li jerġgħu lura separatament mill-grupp, ikollu jitħallas in-nol sħiħ.

L-iskema tista' tiġi tterminata skond ma jidhrilha l-Kumpannija.

IR-RABA' SKEDA

(Regolament 3)

	Nollijiet	Tariffi fuq bażi ta' vjaġġ bir-ritorn	
		Cirkewwa	Sa Maison
1.	Tul totali tal-vettura 5 metri	Lm 7.00	Lm 8.00
2.	Tul totali tal-vettura li jeċċedi 5 metri iżda mhux 6.5 metri	Lm 10.00	Lm 11.50
3.	Tul totali tal-vettura li jeċċedi 6.5 metri iżda mhux 8 metri	Lm 15.00	Lm 17.00
4.	Tul totali tal-vettura li jeċċedi 8 metri iżda mhux 10 metri	Lm 23.00	Lm 26.50
5.	Tul totali tal-vettura li jeċċedi 10 metri iżda mhux 12-il metru	Lm 27.00	Lm 31.00
6.	Tul totali tal-vettura li jeċċedi 12-il metru iżda mhux 14-il metru	Lm 32.00	Lm 37.50
7.	Tul totali tal-vettura li jeċċedi 14-il metru	Lm 38.00	Lm 44.00

8. Vetturi sa tul totali anqas minn 5 metri jidħlu fil-kategorija tal-karozzi.

9. *Trailer* miġbud sa ħames (5) metri jħallas Lm 6. Meta t-tul ikun jeċċedi 5 metri, il-ħlas ikun ibbażat fuq it-tul totali tal-vettura u tat-*trailer* miġbud skond it-tariffi hawn aktar qabel imsemmija.

10. *Surcharge* ta' Lm 1.00 għal kull metru lineari tiġi applikata fuq tagħbija sovrastanti li tinġarr fuq dawk il-vetturi li jimbarkaw miċ-Ċirkewwa għal Għawdex jew lura.

11. *Surcharge* ta' Lm 1.20 għal kull metru lineari tiġi applikata fuq kull tagħbija sovrastanti li tinġarr fuq dawk il-vetturi li jimbarkaw minn Sa Maison għal Għawdex jew lura.

12. Dawn in-nollijiet ma jinkludux in-nol għas-sewwieq jew passiġġier li jidħlu taħt l-Ewwel Skeda.